MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 410/2004

Kawza fil-lista:  27

**A**
**Vs**
**B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors[1] prezentat mill-konvenut fl-24 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li jigi awtorizzat jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet;

Rat l-opposizzjoni tal-attrici;

Rat l-atti,

[1] Fol.38

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall din il-vertenza huma s-segwenti.

Fit-3 ta' Dicembru 2004 l-attrici pprezentat ic-citazzjoni in disamina, u l-kawza giet appuntat ghas-smigh ghas-17 ta' Jannar 2006.

Fil-frattemp u cioe' fid-29 ta' April 2005 il-konvenut kien gie notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh.

Fl-24 ta' Mejju ta' l-istess sena, u cioe' 24 gurnata wara li rceva notifika huwa pprezenta r-rikors odjern.

Illi fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti l-konvenut deher u ta x-xhieda tieghu in propositu.

Illi kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fid-deposizzjoni quddiem din il-Qorti, il-konvenut spjega li huwa kien ghamel disat ijiem l-Isptar Monte Karmeli u meta kien gie rilaxxjat kien mar id-dar u sab l-att tac-citazzjoni. Kien halla xi ftit granet jghaddu u mbaghad mar bl-att ghand id-difensur tieghu fejn dan spjegalu l-importanzi li jirrispondi ghac-citazzjoni fit-terminu li pero' kien lahaq skada. Fl-affidavit tieghu huwa spjega li l-Marixxall kien halla l-atti f' idejn it-tfajla tieghu li mir-riferta jirrizulta li jisimha Sandra Grixti[2]. Huwa jsostni li t-terminu ta' ghoxrin gurnata kien skada ezatt b' gurnata.

Illi in tema legali hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza *App.Civ. Dottor Michael Gialanze vs Sjakk Van Vleit [2000]*[3] relattivament ghaz-zmien ta' l-ghoxrin gurnata preskritti mill-ligi ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet, fis-sens li "dan iz-zmien kellu jkun wiehed reali u mhux virtwali fis-sens illi l-konvenut kellu jkun materjalment notifikat …. Anke permezz tal-konsenja tal-att f' idejn membru tal-familja

[2] Fol.24 tergo
[3] Vol.LXXXIV.II.447

tieghu, b’ dan pero’ li dak il-membru kellu jkun f’ posizzjoni immedjatament mar-ricezzjoni ta’ l-att minghand l-ufficjal tal-Qorti li minnufih wkoll materjalment jikkomunikah lill-konvenut. Huwa rrilevanti jekk l-assenza kienitx temporanea jew permanenti”.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza
*Rev.Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai*
*[2000][Vol.LXXXIV.II.893]* :

L-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu were kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikolokament b’ dawk il-fatturi ta’ kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta’ disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b’ kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta’ dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta’ sitwazzjoni fejn il-konvenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta’ difiza.

Fil-kaz in disamina il-Qorti hi tal-fehma li c-cirkostanzi li kien jinsab fihom il-konvenut, akkompanjati mal-fatt li n-notifika ma saritx lilu personalment u li t-termini skada bi ftit taz-zmien [granet] u gie pprezentat rikors appositu fi zmien qasir, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-konvenut deher ghall-ewwel udjenza wara li kien diga’ pprezenta l-affidavit, dawn il-fatturi wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li n-nuqqas tal-konvenut ma kienx dovut ghal kontumelja jew disprezz jew non kuranza, u ghalhekk thoss li c-cirkostanzi ma jiddettawx li ghandha tippriva lill-istess konvenut milli jaghmel id-difiza tieghu bil-prezentata ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba tal-konvenut u tawtorizzah jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata millum.

Spejjez ta’ dan il-gudizzju u l-proceduri relattivi, jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------